VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,695, 31 ta' Lulju, 2026
Taqsima B

A.L. 210 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2026) (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2026) (Emenda Nru 2) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2026), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali". L.S. 123.197.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ u għandhom japplikaw għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi b'effett mill-1 ta' Awwissu 2026.

Temenda r-regola 1 tar-regoli prinċipali.

2. Fir-regola 1 tar-regoli prinċipali l-figuri "(2020-2026)" għandhom jiġu sostitwiti bil-figuri "(2020-2031)".

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 2 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "persuna awtorizzata" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

Kap. 123. " "Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*;";

(b) it-tifsira "persuna awtorizzata" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna awtorizzata" tfisser persuna li jkollha permess validu maħruġ mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi sabiex taċċetta fil-barriera tagħha materjal ta' kostruzzjoni u demolizzjoni mingħand terzi persuni u, jew taċċetta u twettaq riċiklaġġ jew irkupru fl-istabbiliment jew impriża tagħha;";

(ċ) it-tifsira "sena rilevanti" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "sena rilevanti" tfisser kwalunkwe sena kalendarja mill-2020 sal-2031, inklużi s-sentejn indikati;";

(d) it-tifsira "servizzi kwalifikanti" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizzi kwalifikanti" tfisser l-aċċettazzjoni minn persuna awtorizzata ta' materjal ta' kostruzzjoni u demolizzjoni mingħand terzi persuni, b'tariffa ta' mhux aktar minn sittax-il euro (€16) għal kull tunnellata, netta mit-taxxa fuq il-valur miżjud;";

(e) minnufih wara t-tifsira "servizzi kwalifikanti", kif sostitwita, għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "tariffa totali" tfisser l-ammont totali li persuna awtorizzata titlob jew tirċievi, direttament jew indirettament għall-provvista ta' servizzi kwalifikanti, inkluż kwalunkwe ħlas ieħor ikunu li jkunu l-isem jew id-deskrizzjoni, inklużi iżda mhux limitatament għal, tariffa ta' servizz, ħlas amministrattiv, tariffa ta' proċessar, surcharge, jew kwalunkwe ħlas ieħor ta' kwalunkwe xorta impost b'konnessjoni mal-istess servizz, iżda bl-esklużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud.".

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

4. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "jista' jitlob." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jista' jitlob;";

(b) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu, kif emendat, għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(e) it-tariffa totali li l-persuna awtorizzata titlob jew tirċievi għas-servizzi kwalifikanti ma għandhiex teċċedi sittax-il euro (€16) għal kull tunnellata, netta mit-taxxa fuq il-valur miżjud, u ma għandux jintalab jew jitħallas kwalunkwe pagament ulterjuri, direttament jew indirettament, ikunu x'ikunu l-isem jew id-deskrizzjoni, lil jew minn terzi persuni b'rabta mal-istess servizz; u

(f) il-persuna awtorizzata ma għandhiex tagħlaq il-barriera tagħha jew tieqaf taċċetta materjal ta' kostruzzjoni u demolizzjoni mingħand terzi persuni mingħajr raġuni valida.".

Iżżid regoli ġodda mar-regoli prinċipali.

5. Minnufih wara r-regola 3 tar-regoli prinċipali għandhom jiġu miżjuda r-regoli ġodda li ġejjin:

"Ksur tal-kondizz-jonijiet.

4. Fejn persuna awtorizzata, mingħajr raġuni valida tikser il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (e) jew (f) tar-regola 3, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) fejn il-ksur jirrigwarda l-kondizzjoni stabbilita fil-paragrafu (e) tar-regola 3, l-eżenzjoni mit-taxxa mogħtija b'dawn ir-regoli skont il-paragrafu (b) tar-regola 3 għandha titqies li ma tkunx applikabbli għas-sena rilevanti li fiha jkun seħħ il-ksur, u l-income kollu derivat minn servizzi kwalifikanti matul tali sena għandu minflok, ikun soġġett għat-taxxa skont l-Att daqslikieku l-eżenzjoni ma kinitx tapplika;

(b) il-Kummissarju għandu joħroġ avviż ta' stima lill-persuna awtorizzata għall-irkupru tat-taxxa dovuta skont il-paragrafu (a) u l-persuna awtorizzata għandha tħallas dak l-ammont dovut fi żmien tletin (30) jum min-notifika tal-avviż;

(ċ) fejn il-ksur jirrigwarda l-kondizzjoni stabbilita fil-paragrafu (f) tar-regola 3, l-eżenzjoni mit-taxxa mogħtija b'dawn ir-regoli għandha tiġi sospiża b'effett immedjat mid-data tal-għeluq mhux awtorizzat u l-eżenzjoni ma għandhiex terġa' tiġi applikata sakemm il-barriera ma terġax tinfetaħ mill-ġdid.

Setgħa ta' spezzjoni.

5. (1) Il-Kummissarju jew kwalunkwe persuna awtorizzata minnu bil-miktub għal dak il-għan għandu jkollu s-setgħa li f'kull ħin raġonevoli:

(a) jidħol u jispezzjona kwalunkwe barriera u, jew stabbiliment jew impriża tar-riċiklaġġ jew tal-irkupru operata minn persuna awtorizzata;

(b) jeżamina, jieħu kopji ta', jew jestratta data elettronika jew tagħrif ieħor li jkollu x'jaqsam mas-servizzi kwalifikanti jew mat-tariffi mitluba minn dik il-persuna awtorizzata minn kwalunkwe ktieb, rekord, kont jew dokument.

(2) Kull persuna awtorizzata għandha tipprovdi kull faċilità u assistenza raġonevoli lill-Kummissarju jew lil kwalunkwe persuna minnu awtorizzata sabiex jeżerċitaw is-setgħat mogħtija b'din ir-regola.".